MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2006

Avviz Numru. 5/2001/1

**Elmo Insurance Agency Limited, in rappresentanza tas-socjeta’ estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta’ estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Licari u l-istess Michael Licari u b’nota tat-13 ta’ Mejju 2004 is-socjeta’ Elmo Insurance Limited bhala cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta’ estera Royal & Sun Alliance Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Licari assumiet l-atti.**

**Vs**

**John Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici nomine et talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi

kundannat li jhallas lill-atturi s-somma ta' komplessiva ta' mitejn sebgha u disghin lira ghoxrin centezmu (Lm297.20c) in kwantu ghal mija sebgha u erbghin lira ghoxrin centezmu (Lm147.20c) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal mija u hamsin lira (Lm150) lill-attur Michael Licari, in linea ta' danni – minnhom sborsati – in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Msida fit-18 ta' April 2000, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq l-vettura Nru KBA 335 habat mal-vettura Nru LEX 129 propjeta' tal-attur Michael Licari u misjuqa minn Alexia Licari – prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Settembru 2000 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mill-4 ta' Settembru 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut (fol 9 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghadhom jigu michuda bl-ispejjes kontra taghhom, billi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx b'tort tal-eccipjenti, izda b'tort ta' Alexia Licari, is-sewwieqa tal-karrozza tal-assigurat Michael Licari kif jigi pruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma hux responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 73 tal-atti.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward il-lokalita' fejn gara dan l-incident, din tirrizulta mill-iskizz maghmul u esebit minn PS 524 Paul Cassar (fol 16 tal-istess atti). Fuq l-istess skizz, hemm murija iz-zewg vetturi involuti f'din il-kollisjoni cjoe dik bin-numru LEX 129, misjuqa minn Alexia Licari, bint l-attur u dik uzata mill-konvenut bin-numru KBA 335. Hawnhekk jkun opportun illi jinghad illi l-istess Alexia Licari kienet stqarret "a caldo" lill-istess pulizija illi "I was turning behind the other car when it suddenly stopped and we collided" waqt li l-konvenut kien iddikjara "Waqt li kont qed indur mar-'roundabout' waqaft fuq l-istop sign (u) qlajt daqqa fuq wara". (ara fol 17 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-istess Alexia Licari (fol 53 u fol 68 et seq ibid) spjegat illi kienet niezla minn Triq l-Isqof Caruana, li ma hiex murija fuq l-imsemmi skizz izda li tinsab ezattament fuq wara ta' fejn hemm is-sinjal 'stop' fuq l-istess skizz. Kif kienet hierga mill-imsemmija triq, fejn hemm sinjal iehor 'stop', hi waqfet u qasmet 'Rue D'Argens" lejn is-sinjal ta' 'stop', din id-darba kif muri fuq l-iskizz u dan sabiex tkompli diehla f'Triq il-Principessa Margaret. Pero, hawnhekk waqt li kienet ghadha issuq "…f'daqqa wahda …. Karozza habtet man-naha tax-xellug, tieghi ' (ossija fuq il-left front mudguard tal-karozza uzata minnha) , liema karozza ma kienetx ratha precedentement kienet wieqfa u kienet harset lejn ix-xellug taghha, lejn Rue D'Argens, f' liema naha jinsab sinjal ta' 'give way', li, ukoll, ma hux muri fuq l-iskizz (ara, pero', fol 73 ibid). In rigward l-iskizz, meta muri lilha, hi qablet mieghu izda ma setghetx tispjega, b'referenza ghal dak imnizzel a fol 17 tal-atti), kif il-pulizija li ghamel u rrediga dan ir-rapport, seta nizzel illi hi kienet qed iddur wara ('behind') il-vettura l-ohra. Meta giet riprodotta in kontro esami, din ix-xhud sostniet li ma kienx minnu illi l-vettura misjuqa mill-konvenut kienet di gja fuq is-sinjal ta' 'stop' muri fl-iskizz (ra ukoll id-dokument u nota a fol 71 u fol 72 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 6 et seq ibid) xehed li kien qed jsuq mid-direzzjoni tas-Savoy u kif qabes is-sinjal ta’ ‘give way’ gja msemmi f’Rue D’Argens, hu dar lejn ix-xellug u waqaf fuq l-imsemmi sinjal ta’ ‘stop’ kif jidher mill-istess skizz u dan ghal ‘…..madwar tlieta, erbgha minuti’ u kif kien hekk wieqaf, saret din il-kollisjoni billi karozza ohra nsaqet minn warajh u laqat il-vettura uzata minnu (ara ukoll iz-zewg ritratti esebiti minnu a fol 66 u li jirreferi ghall-istess lokalita waqt li fuqhom jidher is-sinjal ta’ ‘give way’ u n-nizla ta’ Triq l-Isqof Caruana, gja msemmijin.

Ikkunsidrat

Illi, f’dan il-kaz, gew sottomessi mill-partijiet involuti zewg verzjonijiet tal-fatti in esami konfliggenti bejniethom u meta tara hekk din il-Qorti, dejjem, tikkonsidra:-

a) dak li jinsab fl-artikolu 562 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta fis-sens illi l-obbligu tal-prova ta’ fatt jispetta lil minn jallegah u;
b) jekk, oltre l-versjoni rispettiva tal-partijiet hemmx xi evidenza oggettiva u indipendenti mill-istess partijiet sabiex din tista’ tghin biex jigi deciz liema versjoni hi dik veritjera.

Ikkunsidrat

Illi, a basi ta’ dawn il-kriterji, din il-Qorti analizzat l-imsemmi skizz il-posizzjoni tal-vettura kif hemm murija il-kopja tar-rapport anness, u dak li stqarr l-partijiet involuti kif risultanti minnu kif ukoll id-deskrizzjoni tal-hsarat fil-vetturi rispettivi deskritti a fol 17 ibid, din il-Qorti tara illi kull versjoni in esami hi, ugwalment veritjera fuq basi ta’ probabilta, u tista’ tirrispekkja, kull wahda minnhom, dak li effettivament gara f’dan il-kaz.

Illi, minhabba hekk, tenut kont illi kien jispetta lis-socjeta attrici nomine et li jippruvaw fuq bazi ta’ probabilta’, dak allegat minnhom fil-konfront tal-konvenut, l-istess Qorti ma tistax f’dan il-kaz, tiddeciedi illi din il-kollisjoni grat minhabba negligenza fis-sewqan da parti tal-konvenut, lanqas fuq livell ta’ kontributorjeta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad it-talbiet attrici waqt li in rigward l-ispejjes, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, kif spjegati, dawn jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------